MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Numru. 25/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**RAYMOND ROTIN**

**Seduta ta' llum 15 ta' Jannar 2010**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND ROTIN** ta' disgha w ghoxrin sena, bin Carmel u Frances nee Cini, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar s-sitta ta' Jannar 1970 u residenti 'Belsol', Triq Tumas Cassar, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 3870G gie mressaq quddiemha akkuzat:-

a. Talli f'dawn il-Gzejjer fit-tmintax ta' Mejju 2004 u matul l-ahhar erbgha xhur qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghal persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w is-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 ghal Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

c. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Codeine, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghal importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w is-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija riljaxxjata mill-imputat nhar t-tmintax ta’ Mejju 2004 esibita bhala Dok. AG 1 a fol. 20 w il-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar t-tnejn ta’ Gunju 2004 (fol. 50), kif wkoll l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22 (2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta datat l-ewwel ta’ Gunju 2006 (fol. 192) sabiex jittiehdu l-proceduri odjerni.
Rat il-kontro ordine tal-Avukat Generali datat l-1 ta’ Gunju 2006 sabiex l-imputat jigi gudikat minn din il-Qorti fil-vesti taghha ta Gudikatura Kriminali.

Rat illi mit-tnejn w ghoxrin (22) t’Awwissu 2006 ‘l quddiem din il-kawza kienet qed tigi differita ghal provi tad-difiza.

Rat illi ghal aktar minn sena shiha d-difiza naqset li tressaq provi ghalkemm din il-kawza kellha xejn inqas minn disgha udjenzi.

Rat id-digriet taghha tat-tmintax (18) ta’ Settembru 2009 li kien jipprovdi s-segwenti:-

“Il-Qorti tirrileva li din hija r-raba darba konsekuttiva li l-avukati ma dehrux w ghalhekk f’kaz li ma jigux fis-seduta li jmiss, il-kawza tithalla ghas-sentenza.”

Rat li fis-seduta segwenti u cioe fis-sittax (16) ta’ Novembru 2009 l-imputat deher mhux assistit ghal darb’ ohra w ghalhekk il-Qorti iddiferiet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Mejju 2004 u fid-disgha (9) ta ‘Gunju 2005 **xehed l-allura Ispettur Antonello Grech** (fol. 18) fejn stqarr li fit-tmintax ta’ Mejju 2004, huwa kien gie nfurmat li kienu gew arrestati certu Raymond Rotin u certa Dorothy Refalo fil-*parking* tax-Xlendi waqt li kien qed isir xi *deal* ta’ droga.  Qal li kienet dahlet informazzjoni lil pulizija li l-imputat kien qed jiddelja fid-droga u wara xi jiem ghamlu sorveljanza fuqu u fuq l-post tax-xoghol tieghu fejn jahdem f’kamra tad-Drainage Section fil-parking tax-Xlendi, w ghal habta tat-tmienja neqsin ghaxra ta’ filghodu raw lil Dorothy Refalo sejra ‘l hemm u l-imputat imur jiltaqa’ maghha.  Zied jghid li hekk kif marru fuqhom l-pulizija sabu lil imputat b’ghaxar liri f’idejh u dak l-hin waqalu minn idejh pakkett u cioe sachet bi trab kannella fih.

Zied jghid li saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u mill-but tieghu elevaw bott, container tal-films li fih kien hemm borza suspettata li kien fiha l-Eroina.  Qal li li hu kien nizel fuq il-post, arresthom t-tnejn, tahom s-solita twissija u beda jkellimhom.  Qal li Dorothy Refalo ammettiet mieghu li kienet marret hemm biex tixtri d-droga minghand l-imputat.

Ix-xhud kompla jghid li hu tkellem wkoll mal-imputat li kien ammetta mieghu li d-droga kienet tieghu u qallu li kien xtara b’mitejn lira droga.  Ix-xhud zied jghid li l-imputat pero ma keinx ammetta mieghu li kien qed

ibieghha. Qal li sussegwentement l-imputat kien irrilaxxja stqarrija li esibixxa bhala Dok. AG. Ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat, dik tas-Surgent Frank Gauci kif wkoll tas-Supretendent Paul Camilleri fuqha. Esibixxa wkoll l-container, s-sachet u xi foil li kienu sabu fil-kamra tal-imputat. Qal li l-container kien fih xi pillola kif wkoll borza bi trab kannella suspettata droga Eroina. Esebixxa wkoll l-ghaxar liri li l-imputat waqqghetlu minn idejh meta marru l-pulizija fuqu.

Ix-xhud kompla jghid li ix-xhieda ta' Dorothy Refalo, ittiehdet bil-gurament quddiem l-Magistrat Paul Coppini aktar tard matul l-jum u spiccat biex tressqet il-Qorti u giet sentenzjata.

Illi nhar l-hamsa t'Awwissu 2004 **xehed PS 755 Frank Gauci** (fol. 34) fejn wara li gie muri stqarrija esibita a fol. 19 et seq tal-atti, ikkonferma li din l-istqarrija giet rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla. Ikkonferma wkoll l-firma tieghu, tal-Ispettur Antonello Grech u tas-Supretendent Paul Camilleri fuq kull faccata taghha.

Illi nhar l-hamsa t'Awwissu 2004 **xehed PC 812 Saviour Spiteri** (fol. 35) fejn qal li kellhom informazzjoni li l-imputat presenti fl-awla kien qed ikun fil-pussess ta' droga w anke jittraffika d-droga fix-Xlendi fl-inhawi tal-parking tax-Xlendi. Qal li ghalhekk nhar t-tmintax ta' Mejju 2004, iddeciedew li jinzlu jaghmlu spezzjoni hemmhekk w ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghodu marru jistahbew wara xi karozzi. Qal li ghal habta tat-tmienja neqsin ghaxra ta' filghodu, dakinhar raw lil Dorothy Refalo bil-karozza taghha PDG 173, tipparkja quddiem l-boat house tax-Xlendi u baqghet fil-karozza. Qal li wara ftit, raw lil imputat jersaq lejn din il-karozza u waqaf ezatt maghha. Qal li dak l-hin huma hargu minn fejn kienu u marru fuqhom u hatfuhom kif kienu hdejn xulxin. Qal li f'idejh x-xellugija, l-imputat dak l-hin kellu zewg karti tal-hames liri maltin u haduhomlu u staqsih minn fejn kien gabhom, pero l-imputat ma wegbux.

Qal li meta stqasa lil Dorothy Refalo, din qaltlu '<u>ghadni kif tajthomlu jiena</u>'. Ix-xhud kompla jghid li hu mexxa lil

imputat lejn il-kamra fejn jahdem u huma u sejrin, ra lil imputat idahhal idejh x-xellugija fil-but tal-qalziet u kien pront hataflu idu u fiha kellu bott tal-films. Qal li wara baqghu sejrin lejn il-kamra fejn jahdem u x'hin dahlu gewwa, fetah dan il-bott u fih kien hemm borza tal-plastic bi trab kannella u pillola bajda u bicciet tal-foil.

Qal li dak il-hin, PS 883 Paul Azzopardi li kien mieghu, lemah pakkett u cioe sachet fl-art fejn il-karozza ezatt li probabbilment gie mormi minnhom meta raw l-pulizija gejjin ghal fuqhom. Qal li sussegwentement kien infurmat l-Ispettur Grech li mar fuq il-post w ordna li ssir tfittxija fil-kamra u minn hemmhekk elevaw bicciet tal-foil mahruqa li l-imputat qal li kien juza hu stess ghal konsum tieghu peress li kellu l-vizzju tad-droga. Qal li minn tfittixja li saret fir-residenza tal-imputat, ma kienu sabu xejn izjed.

Illi nhar l-hamsa t'Awwissu 2004 **xehed Clifford Cauchi** (fol. 37) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Principal Health Inspector fid-Drug Control Unit w ghan-nom tad-Direttur tad-Dipartiment Tas-Sahha qal li minn ricerka li ghamel, irrizultalu li l-imputat presenti fl-awla bhala Raymond Rotin detentur tal-karta tal-identita numru 3870G mhux awtorizzat li jkollu l-pussess t'Eroina. Zied jghid li d-dipartament qatt ma johrog licenzji jew permessi biex xi hadd ikollu l-pussess ta' Eroina bhala ndividwu.

Illi nhar l-hamsa t'Awwissu 2004 **xehed PC 883 Paul Azzopardi** (fol. 38) fejn qal li fit-tmintax ta' Mejju 2004, kellhom informazzjoni kunfidenzjali fuq l-imputat li kien qed ibiegh d-droga x-Xlendi. Qal li hu u PS 812 Saviour Spiteri nizlu hemmhekk ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghhodu w ghal habta tat-tmienja neqsin ghaxra, marret certa Dorothy Refalo bil-karozza taghha u waqfet hemmhekk fejn l-*boat houses*. Qal li ftit wara, raw lil imputat riesaq lejha u dak l-hin rawh jitkellem maghha u hargu ghal fuqhom. Qal li hu resaq lejn Dorothy Refalo u PS 812 Saviour Spiteri resaq fuq l-imputat u zammewhom hemmhekk. Qal li hu staqsa lil Dorothy Refalo x'kellha f'idejh u din waqqghet fula ghaliex inhasdet.

Qal li hu ordnalha tohrog mill-karozza u harget filwaqt li PS 812 Saviour Spiteri baqa jitkellem mal-imputat u dak l-hin hataflu minn idejh zewg karti tal-hames liri maltin u staqsih minn fejn kien gab dawk l-flus, pero l-imputat ma kienx irrispondih. Qal li meta saret l-istess mistoqsija lil Dorothy Refalo, din wiegbet li kienet tathomlu hi.

Qal li sussegwentement akkumpanjaw lil imputat sal-kamra fejn jahdem, u waqt li kienu sejrin PS 812 Savour Spiteri ra lil imputat idahhal idejh fil-but tal-qalziet u dana hatfu u minn idejh hareg container tal-films iswed zghir li fih kien hemm trab ta' lewn kannella li wara rrizulta li kienet droga Eroina u l-imputat kien wkoll ammetta mieghu li hekk kienet.

Zied jghid li minn tfittxija li saret fil-kamra u fil-karozza pero ma kien instab xejn. Qal li aktar tard, meta hu talab lil Dorothy Refalo biex takkumpanjah biex igibu l-karozza taghha, li kienet vicin il-kamra ta' l-imputat, hekk kif waslu hemm, kif fethet il-bieba tal-karozza, sabu sachet li giet elevat.

Dakinhar tas-seduta tal-hamsa (5) t'Awwissu 2004 l-allura Spettur Antonello Grech esebixxa mobile phone tal-ghamla Siemens li kien gie elevat minn fuq il-persuna ta' Raymond Rotin, u dakinhar il-Qorti ghaddiet sabiex tinnomina lin Nutar Stephen Farrugia Sacco sabiex ighamel rendikont tal-messaggi li kienu ntbaghatu minn dan it-mobile u sussegwentement dawk li gew mibghuta il dan in-numru nhar it-tmintax (18) ta' Mejju 2004.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004 **xehed s-Supretendent Paul Camilleri** (fol. 61) fejn wara li gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla, ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Antonello Grech u tas-Surgent Gauci fuqha. Zied jghid li hu kien presenti waqt t-tehid tal-istess stqarrija u li l-imputat gie moghti s-solita twissija qabel ma rrilaxxja l-istqarrija 'n kwistjoni u l-imputat irrisponda ghal xi domandi filwaqt li ghal ohrajn m'irrispondiex.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 2004 **xehed n-Nutar Stephen Farrugia Sacco** (fol. 62) fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. SFS a fol.63 et seq tal-atti.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 2004 **xehdet Dorothy Refalo** (fol.108) fejn ikkonfermat li fit-tmintax ta’ Mejju 2004, hi kienet nizlet x-Xlendi tiltaqa’ mal-imputat, u qaghdu hemm jitkellmu u minghandu xtrat pakkett wiehed Eroina ghal prezz ta’ ghaxar liri maltin. Qalet li kienet wahedha mal-imputat dakinhar. Mistoqsija kemm il-darba xtrat id-droga minghandu ikkkonfermat li kienu darbtejn biss, pakkett kull darba u minn dak l-istess post fejn sabuha l-pulizija ghal prezz ta’ ghaxar liri kull darba.

Meta giet moqrija lilha x-xhieda li tat quddiem l-Magistrat Inkwerenti nhar t-tmintax ta’ Mejju 2004, ix-xhud ikkonfermata fl-intier taghha u spjegat li kienet marret tfittex lill-imputat ix-Xlendi biex tixtri pakkett eroina minghandu ghal prezz ta ghaxar liri. Spjegat li kienet tatu ghaxar liri pero huwa ma taha xejnghaliex lahqu intervjenew il-pulizija esekuttiva.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin t’April 2005 **xehed Godwin Sammut** (fol. 124) fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok. GS. Qal li mill-konkluzzjonijiet raggunti minnu jirrizulta li mit-trab ta’ lewn kannella u minn swabs mehuda mill-foil b’naha wahda b’xi sustanza ta’ lewn kanella, m’instabitx s-sutanza Eroina u s-sustanzi li nstabu kienu Caffeine, Meconin u Codeine. Spjega li s-sustanza Meconin u Codeine huma sustanzi li jinsabu fl-Opium li hija pjanta li tintuza biex tigi manufatturata l-Eroina. Zied jghid li minn swaba mehdua mill-foil b’xi hruq fuqha rrizulta li kien hemm s-sustanza Eroina li hija kontrollata bil-ligi, filwaqt li li mill-estratt mehud mill-pillola ta’ lewn abjad irrizulta li din kienet paracetamol, li ma hiex kontrollata bil-ligi.

Illi nhar t-tnejn ta’ Frar 2006 **rega’ xehed Godwin Sammut** (fol. 181) fejn esibixxa rapport addizzjonali li giet mmarkat bhala Dok. ‘S’ (fol. 183) u spjega li peress li m’instabx drgoa f’dan il-kaz, hu ma setghax jaghti valur

tad-droga Eroina. Ix-xhud ghamel referenza ghar-rapport precedenti tieghu li esibixxa bhala Dok. GS a fol. 125 u spjega li hemm kien qal li kienu nstabu s-sustanzi Caffeine, Meconin u Codeine, pero Eroina m'instabitx. Elabora u qal li pero, dawn is-sustanzi jinstabu fl-Eroina u li meta huma jaghtu valur, jaghtu valur fuq d-droga Eroina u mhux fuq s-sustanzi Meconin u Codeine. Qal li dawk huma biss *additives*.

Illi nhar l-ghoxrin t'Ottubru 2005 **xehed PS 755 Frank Gauci** (fol. 170) fejn ikkonferma li hu kien presenti waqt t-tehid tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla, liema stqarrija hija mmarkata bhala Dok. AG 1 a fol. 20 tal-atti. Ikkonferma li l-imputat odjern gie moghti s-solita twissija qabel ma rrilaxxja l-imsemmija stqarrija.

Illi nhar t-tnax ta' Mejju 2008 **xehed Dun Manuel Cordina** (fol. 217) in difesa fejn qal li lil imputat kien sar jafu f'Jannar 2007 ghaliex kien mar ifittxu hu stess fl-ufficcju tieghu. Qal li fil-fatt kienet marret l-mara tal-imputat tkellmu u sussegwentement hu kien baghtu ghal imputat biex ikellmu u kien mar. Qal li baqa' jara lil imputat b'mod regolari sal-bidu ta' Gunju 2007. Qal li l-imputat kellu problema t'uzu ta' sustanzi lleciti minhabba problemi tal-familja w minhabba l-istil ta' hajja li kien ghaddej fiha kien mar talbu l-ghajnuna tieghu.

Qal li fl-appuntamenti li kellu mal-imputat, kienu jiddiskutu l-problema tad-droga kif wkoll problemi li johorgu minnha, dawk emozjonali u familjari li jeffettwawlu hajjtu. Qal li sussegwentement hu kien irrefera lil imputat lit-taqsima tal-kura u rihabilitazzjoni u perjodikament kien imur ikellmu u jattendi ghal laqghat mieghu. Qal li ltaqghu xi erbgha darbiet w imbaghad qata ghal habta t'Awwissu 2007. Mistoqsi jekk l-imputat ghadux jghixd mal-mara tieghu, wiegeb li m'ghadux u li l-imputat kien qata kull kuntatt mieghu. Qal wkoll li missieru kien qed jaghti s-support lil imputat.

Ikkunsidrat:-

Illi l-prosekuzzjoni resqet lill-imputat u akkuzat bil-pusess tad-droga eroina liema pusess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu kif ukoll talli forna l-istess droga lil terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni ressqet lill-ufficcjali tal-pulizija jghidu kif huma raw lil Dorothy Refalo tmur tkellem lill-imputat gewwa x-Xlendi u taghtih is-somma ta’ ghaxar liri. Jghidu wkoll li dak il-hin huwa kien ser ighaddilha xi pakkett izda minnufih intervjenew u waqfuh. Illi huma elevaw il-pakkett ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu sabu li kien hemm xi *film capsule* b’trab u ghaddew kollox lil tal-forensika sabiex jigi ezaminat.

Il-prosekuzzjoni ressqet lil din Dorothy Refalo tixhed kemm fl-atti tal-inkjesta li nfethet a tempo vergine tal-investigazzjoni, kif ukoll viva voce il-Qorti u zammet ma l-istess versjoni tal-fatti u cioe li hija kienet marret ix-Xlendi sabiex tiltaqa’ ma l-imputat sabiex tixtri pakkett droga Eroina ghal prezz t’ghaxar liri Maltin (LM10) . Ikkonfermat ukoll li kienet xtrat minghandu f’okkazzjoni ohra.

L-imputat ma xehdx f’dawn il-proceduri sabiex jikkontesta dak li qalet is-sinjorina Dorothy Refalo izda ressaq xhud in difesa certu Dun Manuel Cordina bhala *character reference*. Dan ir-Reverendu kkonferma li l-imputat ghandu problema ta’ tehid w abbuz ta’ droga u li huwa pprova jghinu, izda llum il-gurnata tilef kull kuntatt mieghu u anke stqarr li mart tal-imputat telqitu u li ghandu biss is-support ta’ missieru.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll l-prova forensika u cioe lil analista Godwin Sammut jixhed u jikkonferma li s-sustanza li huwa ezamina li giet mghoddija lilu mill-pulizija kellha tracci ta’ Eroina pero ma kienx f’posizzjoni li jaghti l-valur taghha.

Rat illi l-ammont ta’ droga misjub kien ta’ 2.51grammi.
Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzi jirrizultaw ipprovati u cioe li huwa kellu droga Eroina fil-

pussess tieghu li ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu tant li qed jinsab hati tal-akkuza talli pprokura l-istess lil terzi.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esbita fol. 7 tal-atti minn fejn jirrizulta li ghandu fedina penali netta minghajr ebda reat jew kontravenzjoni registrat fuqha w ghalhekk ghandu jigi trattat daqslikieku kien a *first time offender*.

Illi pero piena karcerarja hija obbligatorja f'dawn ic-cirkostanzi.

**Il-Qorti**, rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 22(2) u 31 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat RAYMOND ROTIN hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur oltre li tikkundannah ihallas multa komplessiva ta' hames mitt (500) euro.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------